**16 ta' Diċembru, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Arthur Abela

**Traffiku — Sewqan Perikolus — "Overtaking".**

*Każ tipiku ta' manuvra essenzjalment perikoluża fis-sewqan hu dak ta' min jaqbeż karrozza fil-waqt li din stess tkun qegħdha taqbeż karozza oħra, u b'hekk hu jkun qiegħed jaqbeż żewġ karrozzi f'salt. U s-sitwazzjoni taggrava ruħha meta dan is-sorpass azzardat isir f'liwja jew kurva tat-trieq.*

*F'din il-manjiera ta' sewqan hemm il-"potential danger"; u dan hu biżżejjed biex ikun hemm sewqan perikoluż, mingħajr ma hu meħtieġ li jkun hemm l-"actual danger".*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli f'Naxxar Road, limiti ta' Ħal-Lija, fl-4 ta' Settembru 1961, f'xi l-5.40 p.m., saq car numru 17963 b'manjiera perikoluża, u għaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat mil-liċenzi kollha tiegħu tas-sewqan għal mhux anqas minn tliet xhur;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-25 ta' Ottubru 1961, li biha sabet l-imputat ħati u kkundannatu £5 multa, u ordnat is-sospensjoni tal-liċenzi tas-sewqan għal żmien tliet xhur;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Dan hu każ tipiku ta' manuvra essenzjalment perikoluża. L-imputat qabeż karrozza fil-waqt li din stess kienet qegħdha taqbeż char-a-banc, u b'hekk il-car tal-imputat qabeż żewġ karrozzi f'salt; u s-sitwazzjoni riżultanti kienet aggravata bil-fatt li dan is-sorpass azzardat sar f' "bend" jew kurva tat-trieq, li, għalkemm hux aċċentwata, hija però biżżejjed biex timpedixxi l-viżwali, ħlief f'distanza qasira, għall-"on coming traffic", li ntant isib ruħu konfrontat u sorpriż b'karrozza li tkun qegħdha inaspettatament tinvadi l-parti tat-trieq proprija ta' dak it-traffiku. Din il-manjiera ta' sewqan hija ndubbjament perikoluża, għaliex fiha hemm il-"potential danger"; u għall-finijiet ta' "dangerous driving", kif intqal mill-Qrati Ngliżi in Kingman v. Seager (1938) 1 K.B., 397, u Durnell vs. Scott (1939), All Eng. Law Reports. p. 183, "potential danger without actual danger is sufficient"; għalkemm f'dan il-każ odjern kien hemm, milli jidher, anki l-"actual danger", għaliex mill-faċċata kienu ġejjin motor-cycle u car. Hu f'dan it-tip ta' "dangerous driving" li hawn Malta qegħdin isiru sinistri stradali f'numru allarmanti;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Is-sospensjoni tal-liċenza tibda tgħaddi minn nhar it-Tnejn.